**NAXXAR**

## MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

SEDUTA NRU. 22 – IL-ĦAMIS, 25 TA' AWWISSU 2016

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Alfrida Abela | Membru |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Joe Bonello | Membru (5.15pm) |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Skużata: | Maria Vella | Viċi *Chairperson* |

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Il-minuti tal-laqgħa numru 21 kienu meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

### 2. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-CHAIRPERSON

2.1. Iċ-*Chairperson* semmiet l-email li ntbagħtet lill-avukat tal-Kunsill fejn ġie mistoqsi parir ta' x'jista' jagħmel il-Kunsill sabiex il-Gvern jikkunsidra li jerġa' jagħlaq l-aċċess tal-mgħoddija bejn il-Magħtab u Baħar iċ-Ċagħaq. L-avukat issuġġerixxa lill-Kunsill sabiex jagħmel protest ġudizzjarju kontra Transport Malta, fejn iżommhom responsabbli għal kwalunkwe danni.

2.2. Is-Sinj. Cuomo infurmat li daħlilha rapport dwar klieb jiġġerrew u jigdmu. Hija infurmat lil min ilmenta biex jagħmel rapport lill-Pulizija.

2.3. Is-Sinj. Cuomo semmiet l-istima li l-Kunsill irċieva mingħand is-Central Asphalt u The Lighthouse Keepers fid-dawl tal-installazzjoni tal-arblu double arm fi Triq Anton Manwel Caruana. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu jmexxi bix-xogħol.

2.4. Is-Sinj. Cuomo qalet li hemm bżonn nibagħtu follow up lill-Awtorità tal-Ippjanar dwar is-sit The Oasis fi Triq ir-Ridott, dan għaliex minkejja li qalulna li kellhom jatuna rispons, il-Kunsill baqa' ma' rċieva xejn. Is-Sinj. Cuomo ssuġġerit sabiex nikkupjaw lill-Onor. Deborah Schembri.

2.5. Iċ-Chairperson infurmat li kienet ċemplitilha l-Onor Deborah Schembri dwar id-daħla ta' Baħar iċ-Ċagħaq fejn infurmatha li ma kienet għadha ġiet sottomessa l-ebda applikazzjoni l-Awtorità tal-Ippjanar minn TM.

2.6. Iċ-*Chairperson* semmiet ir-rispons li l-Kunsill irċieva mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar dwar is-sit abbandunat (garaxxijiet) fi Triq Anton Manwel Caruana. Ir-rispons kien li mir-ritratti li ntbagħtu ma jirriżultax li hemm ħmieġ eċċessiv li jirrikjedi azzjoni min-naħa tagħhom. Żiedu jgħidu li dwar sigurtà, l-Kunsill irid jikteb lill-pulizija.

2.7. Finalment ġie deċiż li l-Kunsill jerġa' jikteb mill-ġdid dwar dawn iż-żewġ siti, l-binja The Oasis u s-sit abbandunat fi Triq Anton Manwel Caruana, lid-Dipartiment tas-Servizzi tal-Indafa għall-attenzjoni tas-Sur Ramon Deguara. Issir kopja lill-Onor. Joe Mizzi.

2.8. F'dan il-ħin wasal Joseph Bonello. Il-ħin kien il-5.15pm.

2.9. Is-Sinj. Cuomo rrimarkat li l-iscouts ta' B'Kara ma għadhomx jidrhu fiż-żona ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

2.10. Is-Sinj. Cuomo wriet id-diżappunt tagħha li minkejja li numru ta' residenti kienu qegħdin jiġu nfurmati bil-programm tal-immaniġjar tal-iskart, ħafna minnhom għażlu li jinjorawh.

## 3. DEVOLUZZJONI TAS-SIT MIKRI LILL-ISCOUTS

3.1. Is-Sinj. Cuomo esprimiet ix-xewqa tagħha li l-art li hija mikrija lill-iscuots ta' B'Kara tinbidel f'Basketball Court.

3.2. Is-Sinj. Abela żiedet ma' li qalet is-Sinj. Cuomo u qalet li tal-fehma li dan is-sit jinbidel f'post fejn issir attività fiżika jew jiġi pprattikat xi tip ta' sport. Dan għandu jkun immirat għat-tfal b'mod partikolari.

3.3. F'dan id-dawl is-SE informa li jista' jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex issir talba għad-devoluzzjoni tal-art iżda ma jkunux jistgħu jagħtu devoluzzjoni jekk ma jkunx hemm pjan eżatt x'se jsir.

3.4. Is-Sur Bonello qal li dan is-sit huwa ideali għaliex fl-akwata hemm lok għall-parkeġġ, filwaqt li s-sit jippermetti li jsiru picnics, eċċ.

3.5. Is-SE qal li l-Kumitat għandu jikkunsidra kollox, fosthom l-kont annwali tal-kera tal-istess art; li kemm-il darba l-post se jibda jiġi msakkar, il-Kumitat irid iqabbad lil xiħadd; eċċ.

3.6. Finalment kien hemm qbil li tintbagħat espressjoni ta' interess malajr kemm jista' jkun u eventwalment issir applikazzjoni għal park.

## 4. TIME TABLE TAL-KLASSIJIET CIRCUIT TRAINING

4.1. Il-Kumitat talab sabiex issir komunikazzjoni ma' Fr Paul Attard dwar il-bidu tal-kors Circuit Training li mistenni jibda nhar il-Ħamis 15 ta' Settembru 2016. Dan sabiex jinkludi avviż relatat ma' dan il-kors fil-quddisiet tiegħu.

4.2. Barra minn hekk il-Kumitat talab biex isir poster għan-notice board ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

4.3. Il-kors se jkun jikkonsisti minn 20 sessjoni ta' siegħa il-waħda. Nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis. Il-ħin se jkun bejn is-7.30pm u t-8.30pm. Min se jkun qiegħed jattendi għal darba fil-ġimgħa, jrid iħallas €30 filwaqt li min se jattendi l-kors kollu, jrid iħallas €50.

4.4. Dan il-kors se jkun immexxi mill-għalliema professjonali Rachel Demicoli.

## 5. TNEĦĦIJA TAL-ISKIPPS

5.1. Is-Sinj. Cuomo qalet li hemm numru konsiderevoli ta' residenti ta' Triq il-Lampara li ma jridux li l-iskipps preżenti jibqgħu quddiem ir-residenza tagħhom.

5.2. F'dan id-dawl intlaħaq qbil, sabiex titqassam ittra lir-residenti ta' Triq il-Lampara, fejn ngħidulhom li l-Kumitat Amministrattiv qiegħed jaqbel li jneħħi l-iskipps wara talba minn residenti li iżda qed nikkonsultaw xorta waħda qabel ma tittieħed azzjoni.

5.3. Jekk ma jkunux jaqblu għandhom jagħtu raġuni valida.

5.4. Il-proposta tal-Kumitat Amministrattiv tkun waħda ta' tneħħija mhux ċaqliq għaliex il-Kumitat jemmen li m'hemmx post alternattiv.

## 6. ĦWEJJEĠ OĦRA

6.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet li hemm bżonn isir xogħol ta' *refreshing* tal-marki tal-art ta' numru ta' toroq.

6.2. Is-Sinj. Cuomo qalet li hemm bżonn titqassam ittra lill-blokka ta' Ocean Gardens fi Triq is-Sikka sabiex ngħarfuhom bil-programm tal-ġbir ta' skart. Is-SE ippropona li fl-ittra jkun hemm imniżżel is-servizzi li l-Kunsill joffri filwaqt li nilqawhom bħala residenti Naxxarin.

6.3. Iċ-*Chairperson* qalet li l-gazebo ta' Ġnien Santa Marija tal-Anġli beda jinżebagħ.

6.4. Is-Sinj. Abela qalet li hemm bżonn niġbdu l-attenzjoni tal-kuntrattur tal-knis sabiex jibgħat lil xi kenniesa jaqtgħu l-ħaxix minn Triq id-Dwieli, faċċata tad-dar bin-numru 32 u dawk maġenb. Dan għaliex il-ħaxix kiber tant li qiegħed jisporġi fuq it-triq.

6.5. Is-Sinj. Muscat qalet li t-tabella tan-No Entry fil-bidu ta' Triq Xatt il-Palm baqgħet ma saritx.

6.6. Is-Sinj. Muscat ġibdet l-attenzjoni li l-palma li tinsab quddiem il-Marleys għandha bżonn tissaqqa. Madankollu s-SE infurmha li jekk siġra tkun kbira ħafna ma jkunx hemm bżonn ta' tisqija. Informa wkoll li skont l-ispjega m'hemmx indikazzjoni li qed tinxef għax bilgħatx iżda hija xi ħaġa naturali li l-friegħi ta' taħt jinxfu. Normalment però dawn jinżabru biex is-siġra tidher aktar pulita.

## 7. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS

7.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar Il-Ħamis 29 ta' Settembru, 2016 għal-5:00pm.

7.2. Il-laqgħa ntemmet fis-7:00pm.

| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
|---|---|
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |